MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 443/2007

**Edmund Barbara (I.D. 458139M)**

**Vs**

**Julian Busuttil u Isabella Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u ghoxrin Liri Maltin (Lm1020) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-interessi.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ta' l-istess attur ipprezentata fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal tmien mija u erbghin Liri Maltin (Lm840) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-19 ta' Ottubru 2007, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur s-somma ta' tmien mija u erbghin Liri Maltin (Lm840), bl-ispejjez kollha u bl-interessi kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------